**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 3**

**It-Tnejn, 1 ta' Awwissu 2022**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fis-2.00 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

L-Onor Karol Aquilina ġibed l-attenzjoni għal korrezzjoni meħtieġa fil-paragrafu li jibda bil-kliem "Id-diskussjoni bdiet" fit-tieni paġna tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Il-Kumitat qabel li ssir dik il-korrezzjoni.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 2, li saret fis-6 ta' Lulju 2022, kienu kkonfermati.

L-Onor Adrian Delia rrimarka li fl-ittra li waslet għan-nomina li l-Kumitat kellu quddiemu dakinhar kien hemm hemm miktub li saru l-background checks meħtieġa mill-Ministru kkonċernat dwar in-nominat. Għalhekk ġie kkonfermat li s-suġġeriment li kien sar fil-laqgħat preċedenti dwar dak il-punt ta' proċedura kien ittieħed u twettaq.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR MICHAEL CALLUS GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-AWTORITÀ TAT-TRASPORT F'MALTA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għal ittra li kien irċieva mingħand il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, datata 18 ta' Lulju 2022, dwar in-nomina tas-Sur Michael Callus bħala Chairman tal-Bord tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Michael Callus sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Callus bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Michael Callus daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Callus li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Michael Callus ta rendikont tal-karriera tiegħu fis-settur privat. Huwa semma li l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu hija s-settur marittimu u li ħadem ma' numru ta' kumpaniji, fosthom is-Sea Malta, il-United Arab Shipping, South European Container Hub Genoa & Terminal – fejn kien jokkupa l-kariga ta' Mediterranean Manager – u Darsena Toscana Livorno. Qal ukoll li wara, flimkien ma' oħrajn, waqqaf il-kumpanija Medsea Shipping Agency, fejn illum, għalkemm biegħ ix-shareholding tiegħu, jaħdem bħala konsulent mal-istess kumpanija.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Id-diskussjoni bdiet bis-sitwazzjoni tat-trasport fuq il-baħar f'pajjiżna, fejn ġie nnotat li hemm ħafna aspetti simili għall-qasam tal-avjazzjoni. Issemmiet ukoll is-sitwazzjoni tat-traffiku f'pajjiżna u li minħabba l-fatt li qed isir ħafna xogħol fl-istess ħin fuq numru ta' toroq, it-traffiku jidher li żdied u mhux naqas. Is-Sur Callus ġie mistoqsi x'jaħseb li jista' jsir sabiex din il-problema tiġi mitigata. Is-Sur Callus spjega kif soluzzjoni minnhom tista' tkun li ma jingħalqux daqshekk toroq fl-istess waqt, kif ukoll li tingħata attenzjoni xierqa lill-ħinijiet li fihom jingħalqu toroq prinċipali. Huwa ssuġġerixxa li biex isir użu anqas tal-karozzi privati, jista' jitjieb is-servizz tat-trasport pubbliku u tiżdied il-frekwenza fuq ċerti rotot; ikun hemm sistema ta' shuttling fl-irħula b'mod li l-passiġġieri jittieħdu f'waqfa ċentrali fir-raħal. B'hekk is-sistema ssir iktar effiċjenti, kif ukoll tħajjar lil dak li jkun sabiex juża t-trasport pubbliku, aktar u aktar wara li minn Ottubru 2022 dan kien ser ikun bla ħlas. Ġiet diskussa wkoll is-sitwazzjoni preżenti li qed tinħoloq minħabba l-użu tal-eScooters, fejn jidher li qed jinħoloq ċertu periklu fit-toroq kif ukoll skumditajiet fuq il-bankini, u ġie suġġerit li l-Awtorità tat-Trasport toħloq linji gwida u regolarizzazzjoni dwar dan il-fenomenu ġdid.

Id-diskussjoni ssoktat billi tqajmu punti dwar l-Awtorità tat-Trasport innifisha, fosthom jekk hux ser isseħħ demerger fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport; l-infurzar min-naħa tal-Awtorità u kif dan jista' jissaħħaħ, u kif l-Awtorità tista' ttejjeb l-effiċjenza tagħha. Meta mistoqsi fuq jekk għandux kunflitt ta' interess fid-dawl tax-xogħol li jagħmel bħala konsulent u l-kariga li hu kien nominat għaliha, is-Sur Callus qal li għalkemm hu għadu konsulent tal-Medsea, m'għandu l-ebda rbit ieħor, la finanzjarju u lanqas personali, u kkonferma li jekk jiġi kkonfermat bħala Chairperson tal-Awtorità, huwa kien ser jirriżenja minn konsulent.

Fit-2.59 p.m. l-Onor. Chris Agius irringrazzja lis-Sur Michael Callus u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Is-Sur Michael Callus irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fit-2.59 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fit-3.03 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Michael Callus bħala Chairman tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fit-3.04 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Michael Callus biex jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Michael Callus daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali Aaron Farrugia.

Fit-3.04 p.m. il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**